# BirdLife Malta tniedi l-kampanja #onthemove

## Bil-għan li tispira lill-pubbliku biex igawdi, jieħu ħsieb u jħares l-għasafar matul il-passa tal-ħarifa

BirdLife Malta għadha kif nidiet kampanja ġdida li se xxerred għarfien dwar il-passa tal-għasafar bil-għan li tħeġġeġ aktar nies igawdu, jieħdu ħsieb u jinvolvu ruħhom fil-ħarsien tal-għasafar li jpassu minn fuq Malta.

Il-passa tal-għasafar hija fenomenu li għal eluf ta' snin serva bħala sors ta' ispirazzjoni u kurżità. Bħala gżira bejn żewġ kontinenti, Malta hija kruċjali għax isservi bħala post fejn l-għasafar jieqfu jistrieħu sabiex jerġgħu jieħdu saħħithom biex ikunu jistgħu jkomplu bil-vjaġġ tagħhom li jeħodhom fuq distanzi twal.

Sabiex dan l-ispettaklu naturali jitgawda bl-aħjar mod, BirdLife Malta nidiet il-kampanja **#onthemove** li matulha se nkunu qed naqsmu mal-pubbliku dettalji affaxxinanti dwar il-passa tal-għasafar, u se nkunu qed nintroduċu wkoll uħud mill-viżitaturi speċjali li wieħed jista' josserva tul il-passa tal-ħarifa. Il-kampanja #onthemove se tkun qed tiżvolġi fuq il-midja soċjali fost mezzi oħra tal-komunikazzjoni, bl-iskop li naqsmu informazzjoni dwar kif kulħadd jista' jgawdi l-passa tal-għasafar f'Malta.

Qed inħeġġu wkoll lin-nies biex jaqsmu magħna dettalji dwar l-għasafar li josservaw permezz ta' formola online li nħolqot apposta għal din il-kampanja u li tinsab fuq https://bit.ly/reportasighting. Element ieħor prinċipali tal-kampanja hija l-opportunità li qed nipprovdu lil residenti f'Malta li jixtiequ jingħaqdu magħna bħala voluntieri biex jassistu lil BirdLife Malta fil-ħidma ta' sorveljanza biex ikun żgurat li l-għasafar tal-passa jgħaddu minn fuq il-Gżejjer Maltin mingħajr periklu fi triqithom lejn il-postijiet fejn se jqattgħu x-xitwa.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Qed infittxu li nħeġġu lin-nies biex igawdu l-passa waqt li din tkun għaddejja. Din il-kampanja mhux biss se tqajjem kuxjenza permezz tat-tagħrif li se jingħata imma se tkun qed tgħinna wkoll nersqu eqreb lejn il-pubbliku sabiex jesperjenza s-sbuħija tal-passa. M'hemmx għalfejn tkun espert fl-għasafar biex tgawdi dan l-ispettaklu. BirdLife Malta dejjem poġġiet il-ħidma fost il-pubbliku fuq quddiem tal-missjoni tagħha, l-aktar għax nemmnu li min igawdi u jieħu ħsieb in-natura eventwalment se jagħmel minn kollox biex iħarisha."

Parti kruċjali ta' din il-kampanja se tkun is-sejħa lin-nies biex jieħdu azzjoni. Qed nitolbu lill-pubbliku biex jgħidilna x'qed josserva, sew jekk tkun qatgħa ta' għasafar tal-priża kif ukoll jekk sfortunatament tkun is-sejba ta' għasfur ferut bil-kaċċa li jkun jinħtieġ l-għajnuna. "Nofs ix-xogħol li tagħmel BirdLife Malta ma jkunx possibbli mingħajr l-għajnuna u l-kollaborazzjoni tal-pubbliku li jinfurmana b'dak li jkun qed jara hemm barra. Ħafna mill-għasafar li nsalvaw, nirriabilitaw u neħilsu lura fin-natura dejjem jinstabu minn membri tal-pubbliku. L-għasafar għandhom bżonn il-pubbliku biex jipproteġihom u aħna nistgħu niggwidaw lin-nies kif jistgħu jagħmlu dan," spjegat Sarah Brady, Head of Education and Engagement ta' BirdLife Malta.

Fl-aħħar snin rajna żieda fil-kaċċa illegali f'Malta u Għawdex, b'din is-sena s'issa diġà hija l-agħar waħda fl-aħħar tmien snin. "Dan jista' jinstema' diżappuntanti imma jfisser ukoll li hemm il-ħtieġa li n-nies iqumu għall-okkażjoni u jassistu lil dawn l-għasafar. Kemm ilni naħdem fil-qasam tal-għasafar feruti qed nara wkoll żieda fil-kuxjenza u l-interess fost il-pubbliku ġenerali. Ninsab fiduċjuż li flimkien nistgħu nagħmlu d-differenza għall-għasafar tal-passa li jgħaddu minn fuq Malta," ikkonkluda l-Head of Conservation ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara.

Kulħadd huwa mħeġġeġ biex isegwi l-kampanja #onthemove fuq is-sit elettroniku ta' BirdLife Malta u l-mezzi tal-midja soċjali sabiex igawdi bl-aħjar mod l-ispettaklu naturali tal-passa ħalli niżguraw li nagħmlu minn Malta post li jipprovdi kenn lill-għasafar kollha li jinħtieġu l-protezzjoni tagħna waqt il-vjaġġi perikolużi tagħhom.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**

Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmuż:**

- Logo tal-kampanja #onthemove

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-webpage tal-kampanja #onthemove
- Irrapporta l-għasafar li tosserva

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-BIveVKKCRC**

1. Tfal igawdu n-natura (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Osservazzjoni tal-passa tal-għasafar (Ritratt ta' Steven Williams)
3. Birdwatching (Ritratt ta' Kristina Govorukha)
4. Ingawdu n-natura f'waħda mir-riservi naturali ta' BirdLife Malta (Ritratt ta' BirdLife Malta)
5. Il-passa tal-għasafar fil-ħarifa (Ritratt ta' BirdLife Malta)
6. Qatgħa ta' Agretti Bojod fir-Riserva Naturali tas-Simar (Ritratt ta' Mario V Gauci)
7. Fjamingi qed ipassu minn fuq Malta (Ritratt ta' Mario V Gauci)
8. It-Tertuxa hija fost l-għasafar tal-passa li jinżlu fir-Riserva Naturali tal-Għadira (Ritratt ta' Aron Tanti)
9. Tajr tal-priża fuq il-Buskett (Ritratt ta' Aron Tanti)
10. Fras-servjent (Ritratt ta' Aron Tanti)
11. Astun Iswed (Ritratt ta' Aron Tanti)
12. Qatgħa ta' agretti qed ipassu (Ritratt ta' Aron Tanti)
13. Għasfur ta' San Martin (Ritratt ta' Aron Tanti)
14. Agrett Abjad (Ritratt ta' Aron Tanti)
15. Qerd in-Naħal fil-Buskett (Ritratt ta' Aron Tanti)
16. Kuċċarda (Ritratt ta' Aron Tanti)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-AwTEToLs2e (Filmati u muntaġġ ta' BirdLife Malta)**

1. Irsieset qed ipassu minn fuq Malta
2. Fjamingu ferħ fis-Salina
3. Agretti Bojod fir-Riserva Naturali tal-Għadira
4. Fras-servjenti fl-Għadira
5. Il-passa tal-għasafar fil-ħarifa